# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2007/808/PESK

## tas-6 ta' Diċembru 2007

## li temenda d-Deċiżjoni 2006/807/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Waqt li jikkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/797/PESK ta' l-14 ta' Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tagħha, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Novembru 2005 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani għal perijodu ta' 3 snin. Il-fażi operazzjonali tal-Missjoni bdiet fl-1 ta' Jannar 2006.

(2) Fl-20 ta' Novembru 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/807/PESK (2) li stabbilixxiet li l-baġit maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 kellu jkun ta' EUR 2 800 000.

(3) Dan il-baġit għandu jkopri wkoll in-nefqa relatata mal-missjoni mill-1 ta' Jannar 2007 sad-29 ta' Frar 2008,

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2006/807/PESK għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Il-baġit finali maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni mill-1 ta' Jannar 2007 sad-29 ta' Frar 2008 għandu jkun ta' EUR 2 800 000.

2. Il-baġit ta' l-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008 għandu jiġi deċiż mill-Kunsill qabel id-29 ta' Frar 2008.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. COSTA

(1) ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65.

(2) ĠU L 329, 25.11.2006, p. 76.